l-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 6 ta' Gunju, 2003

**Kalunjuzi u libelluzi**

Sfortunatament meta ma jkunx ghad baqaghlek zejt f'wiccek, ma jkunx ghad baqaghlek zejt f'wiccek! U min jaqra certi gazzetti, ewlenin fosthom "In-Nazzjon" u "Il-Mument" u min-naha l-ohra jkun jaf certi realtajiet jintebah mill-ewwel, li z-zewg realtajiet li jkunu pprezentati li jkunu quddiemu jkunu differenti jekk mhux opposti.

Ghal dak li jaqra veduta wahda, m'ghandniex xi nghidu, ikollu jibla' dak li tghidlu naha wahda biss!

Issa l-problema hija wahda li titfa' naha u ma titfghux in-naha l-ohra bl-istess mod. It-tghawwig li hemm naha m'hemmx in-naha l-ohra. U jekk irridu nassumu li kulhadd jipprova jghawweg, il-mod kif jafu jghawgu n-Nazzjonalisti huwa ferm qrib dik li tissejjah kalunja jew metodu li jista' jitratta xi kawza ta' libell.

Xi kultant nahseb li n-Nazzjonalisti ghandhom xi fond specjali fejn jinzammu flus apposta biex bihom ikollhom biex ihallsu l-libelli tal-qorti! Insomma, wara kollox, jekk dawn il-flus ma jlahhqux, ma niskantax jissellfu minn xi bank jew minghand xulxin! Wara kollox kienet din l-elezzjoni, l-ewwel darba, li mar-rebha ngabru l-flus… tghid ghalxiex?

Qaddisi jghidli li fid-dinja xejn m'huwa prekluz li jsir! Hadd ma jghidlek tigdibx fil-pubbliku. Il-kundizzjoni hija li tigdeb, imma trid thallas bl-gholi. Min qal li ma tistax tipparkja fuq linji sofor doppji? Tista' tipparkja fuq linji sofor doppji… izda trid thallas il-flus biex taghmel hekk! U huwa proprju dan li xi kultant nisthajjel li jaghmlu n-Nazzjonalisti. U jekk tigik tajba forsi lanqas biss thallas il-multa ghax ma tinqabadx!

Fil-fatt huwa benfatt li hafna membri tal-Partit Laburista jifthu l-gazzetti tal-Partit Nazzjonalista halli jiccekkjaw x'qieghed jintqal fuqhom. Hrafa helwa ta' nhar il-Hadd kienet li Michael Falzon se jtajjar lil Alfred Sant min-nofs! Kieku ma tkunx taf l-affarijiet sewwa forsi tiblaghha! Bizzejjed naraw ir-ritratti diformati tal-personalitajiet Laburisti fuq dawn il-gazzetti ghax nahsbuna qeghdin ir-Russja naqraw xi "Pravda"! Anzi, ghal dawk li ma jafux bir-Russu nghidilhom li l-kelma "Pravda" bir-Russu tfisser "verità". Messhom jithajru n-Nazzjonalisti jsemmu l-gazzetta taghhom "Verità", huma wkoll! Insomma, ma mmorrux 'il boghod!

Issa l-gideb u t-tghawwig ukoll ghandu l-gradi tieghu. Hemm dak li huwa rapport tal-fatti bla kummentarju. Hemm dak li jissejjah kummentarju. Hemm kummentarju msejjes fuq kritika distruttiva. Hemm assassinju tal-karattru. Attakki personali. Imbaghad nibdew naslu ghal din in-naha ta' l-ispettru ferm griza jekk mhux sewda. Tghawwig tal-fatti.

Assunzjonijiet. Tqanqil ta' suspetti. Interpretazzjonijiet. Interpretazzjonijiet mibnija fuq purament ghidut. Nuqqas ta' etika. Akkuzi.

U fl-ahhar naslu ghall-kalunji u libelli! Veru *showroom* ta' kif tista' tkun il-*media* miktuba.

Il-gurnalisti li jiktbu f'dawn il-pagni nimmaginahom tabilhaqq li hadu xi kors specjali kif jibbilancjaw fuq xi *wire* jew xifer bla ma jaqghu fil-libell! Imma, insomma, bi Prim Ministru jmexxi li jghid li ma kienx x'imkien jew li kien ghadu ma wasalx, meta hemm filmat li jurih bilqieghda hdejn min kien qieghed jitkellem; jew li jghid li Alfred Sant m'ghaddielux lit-tifel ghall-Università meta lanqas kien parti mill-Bord ta' l-Ghazla, zgur li ghandhom espert (li xi kultant ikollu wkoll xi lapsus!)

jiggwidahom! Mur ghidlu lil Fenech Adami li m'hemmx ghalfejn inhares 'il boghod biex nara lil xi hadd li verament bata l-Università minhabba l-kulur u l-potenzjal politiku tieghu!

Fil-fatt, ma nafx ghalxiex deherli li ghandi nikteb fuq dan is-suggett illum! Malajr jashbuni li hadt ghalija! U min jaf xi pjacir sadistiku jgarrbu ghalxejn! Avolja mdorrijin jifirhu b'affarijiet li jezistu biss go mohhhom! Però – la deherli li ghandi nikteb fuq is-suggett, wara kollox, hadd m'hu sidi! Jahsbux li hadt ghalija jew le – il-libertà ta' l-espressjoni tieghi ghadha ghandi u hadd m'hu se jaghlaqli halqi hlief id-dicenza!

Kieku nibda niddubita inix Laburista! Mela isimghuha gejja – zewgt ihdud ilu semmejt f'dik il-haga b'karti sofor minn certu "Stordut" li minghalih ipprova joffendini billi jghid li messni tlajt bl-unijiet fil-kontestazzjoni tieghi fl-Elezzjonijiet Generali li ghaddew. U jien maghmula b'mod li jekk tkellimni, inkellmek!

Nammetti li dan il-proxxmu li mhux kapaci juri ismu, ma nafux. Donni ghandi naghti xi haga personali, però, it-tendenza Nazzjonalista hija li jidhlu personali u (minghalihom) jipprovaw jolqtu fil-laham il-haj. Però, ma nippretendi xejn ahjar minn hekk!

Il-mod kif jattakkaw in-Nazzjonalisti mhux il-mod kif jattakkaw il-Laburisti! Nazzjonalist, jekk ghandek geddumek imdendel jew xi erba' kilos zejda x'imkien, b'dawk jghajrek, mhux bl-ideat tieghek! Mid-dehra ma tantx ghandi difetti ghax ma' l-elezzjoni qabadli!

Fil-fatt l-Istordut pogga l-indirizz tieghu lili fl-istess pagna fejn semma lil Alfred Mifsud, Manwel Cuschieri, Dom Mintoff u Joe Brincat. Anzi, nista' nghid, li l-kumment dwari kien migbur f'kaxxa b'kulur differenti bhal ma kien ta' Joe Brincat! Min kiteb jidher li hu tabilhaqq ragel minhabba l-mod kif jitkellem dwar in-nisa!

U min kiteb jista' jkun li ma tantx ghandu zmien, ghax dak li jghid, ma jarax li jkun jghodd biss ghall-persuna li jkun qieghed jattakka bla ma joffendi lil hafna nies ohra maghha!

Fil-kaz tieghi zgur li ma kinitx xi kritika esklussiva ghalija! Dak li pprova jniggez bih lili seta' jghidu lil diversi minn shabu li okkupaw karigi fil-Parlament matul legislatura jew aktar fi hdan l-istess partit tieghu.

Ghall-informazzjoni ta' l-Istordut (li, hemmhekk, naqbel mieghu li huwa stordut!) l-istess kritika jista' jindirizzaha lil xi habib tieghu bl-isem ta' Michael Refalo (li kien ghajjarni Prokuratrici Illegali ftit qabel ma sar jaf id-destin ikrah tieghu!), Michael Frendo, Josef Bonnici, George Hyzler jew Tony Abela! U dawn kellhom hafna iktar mezzi minni biex jidhru 'l hemm u 'l hawn u biex jghinu lill-proxxmu taghhom u jtellghu l-voti! Imsieken kollha!

L-gharef Stordut qal ukoll li jien nikteb dejjem kontra l-UE fejn ma naqbilx. Ghandu jkun jaf li l-fatt li tani widen biss, issa, juri li kull ma ghedt kien dejjem veru – kif fil-fatt konfermat – nistiednu jara l-artikli dawn l-ahhar tliet snin u jifli kemm-il artiklu oggettiv kelli.

Attakki personali, hrejjef u stejjer fuq il-gazzetti Nazzjonalisti tisma' kemm trid – ta' nies jitqatlu u jissieltu ma' xulxin il-kwartieri tal-Hamrun! Donnok ghall-mument tahsbu l-*Wild West* !

Ara, ftit passi 'l isfel, thossok qisek qieghed il-genna fl-art! Hemmhekk qatt ma jigri xejn – hlief tlielaq ta' min se jilbes iz-zarbun l-ewwel jew xi film biex ibighhulhom il-KRS, bieb ma bieb maghhom!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*